28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 64

**Emenda 64**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi, fl-2016, ġie żvelat li l-awtorità tat-taxxa Daniża naqset milli taġixxi wara bosta twissijiet li kumpaniji barranin kienu qed jabbużaw mir-regoli tat-taxxa tad-Danimarka u ffalsifikaw dokumenti sabiex japplikaw b'mod frodulenti għal rifużjonijiet tat-taxxa fuq id-dividendi, abbuż li kien stmat li sewa lill-awtorità tat-taxxa Daniża aktar minn EUR 1,5 biljun[1];*** |
| | ***[1] European Network on Debt and Development, Tax Games: the Race to the Bottom: https://eurodad.org/tax-games-2017*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Eb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Eb. billi, skont rapporti, il-Gvern Ġermaniż kien ilu snin jaf b'dawn il-prattiki frodulenti tat-taxxa, iżda ma infurmax lill-Istati Membri l-oħra qabel l-2015; billi ġie rrappurtat li l-Ministeru tal-Finanzi Ġermaniż qal li kien konxju minn 418-il każ differenti ta' frodi tat-taxxa cum-ex, b'valur kumplessiv ta' EUR 5,7 biljun;*** |

Or. en

**Emenda 66**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ha (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Ha. billi l-influwenza tal-lobby tan-negozju, kif jidher f'dan il-każ u f'każijiet oħra, għandha għeruq fondi fl-istituzzjonijiet nazzjonali u Ewropej, hekk li huwa rappurtat li l-gruppi konsultattivi li jagħtu pariri lill-Bank Ċentrali Ewropew huma ddominati minn rappreżentanti tas-settur bankarju[2], u li l-akbar ditti tal-kontabilità huma inkorporati fit-tfassil tal-politiki tal-UE[3];*** |

***[2] Haar, Kenneth, Open door for forces of finance at the ECB, Corporate Europe Observatory, Ottubru 2017: https://corporateeurope.org/sites/default/files/attachments/open_door_for_forces_of_finance_report.pdf***

***[3] Accounting for influence: how the Big Four are embedded in EU policy-making on tax avoidance, Corporate Europe Observatory, Lulju 2018: https://corporateeurope.org/power-lobbies/2018/07/accounting-influence***

Or. en

28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 67

**Emenda 67**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Hb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hb. billi veikoli bi skop speċjali (SPVs) jinsabu fiċ-ċentru ta' dawn ir-rivelazzjonijiet, peress li l-bankiera tal-investiment u l-hedge funds kienu jistrutturaw SPVs li sussegwentement inbiegħu lil investituri minn operaturi tas-suq, b'self mill-banek, u b'hekk jimmultiplikaw il-volum tan-negozju b'sa 20 darba;*** |

Or. en

28.11.2018

B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 68

**Emenda 68**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Ma (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ma. billi, f'Diċembru 2017, il-Kummissjoni ressqet linji gwida ġodda dwar it-taxxi minn ras il-għajn biex tissimplifika l-proċeduri għall-investituri transfruntiera fl-UE, u ħeġġet lill-Istati Membri jadottaw sistemi ta' ħelsien mit-taxxi minn ras il-għajn; billi dan il-Kodiċi ta' Kondotta ġdid dwar it-Taxxa minn Ras il-Għajn, li bilkemm isemmi r-riskju ta' frodi u jissuġġerixxi li dan jiġi solvut b'sistemi tal-IT jew eżenzjoni f'ras il-għajn, iħaffef il-proċessi nazzjonali għall-approvazzjoni ta' talbiet għar-rifużjoni tat-taxxi minn ras il-għajn;*** |

Or. en

28.11.2018 B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 69

**Emenda 69**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Mb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mb. billi l-Kummissjoni tirrileva li l-Kodiċi ta' Kondotta l-ġdid dwar it-Taxxa minn Ras il-Għajn jelimina r-riskju ta' aġir frodulenti bħal applikazzjonijiet għal rifużjoni doppja u talbiet mhux ġustifikati għal rifużjonijiet jew applikazzjonijiet għall-eżenzjoni; billi, madankollu, fil-kuntest tal-iskandlu cum-ex jidher evidenti li mingħajr aktar kjarifiki dwar kif l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jistgħu jagħmlu l-intermedjarji responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom, jista' jkun il-każ li dan l-inkoraġġiment biex tintuża l-eżenzjoni f'ras il-għajn, iżid ir-riskju ta' nontassazzjoni doppja jew ta' tassazzjoni żero;*** |

Or. en

**Emenda 70**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jirrileva li, skont id-Direttiva tal-UE Kontra l-Ħasil tal-Flus[4], "reati fiskali" relatati ma' taxxi diretti u indiretti huma inklużi fid-definizzjoni wiesgħa ta' "attività kriminali" u jitqiesu reati predikati għall-ħasil tal-flus;*** |

***[4] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE, ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.***

Or. en

**Emenda 71**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jitlob lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej jikkunsidraw projbizzjoni fuq strumenti, attivitajiet jew prattiki finanzjarji xprunati mit-taxxa, b'mod partikolari fuq l-arbitraġġ tad-dividendi, jekk l-awturi tagħhom jonqsu milli jagħtu prova li dawn l-arranġamenti finanzjarji kumplessi għandhom skop ekonomiku sostantiv li mhuwiex l-evitar tat-taxxa;*** |

Or. en

28.11.2018

B8-0551/2018 }
B8-0552/2018 } RC1/Am. 72

**Emenda 72**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jitlob li l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u Ewropej jingħataw mandat biex jeżaminaw prattiki ta' evitar tat-taxxa, peress li dawn jikkostitwixxu riskju għall-istabbiltà finanzjarja u għall-integrità tas-suq intern;*** |

Or. en

**Emenda 73**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jissottolinja li jidher li dawn ir-rivelazzjonijiet ġodda jindikaw nuqqasijiet possibbli fis-sistemi kurrenti tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri; jitlob li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod effikaċi l-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni; | 4. Jissottolinja li jidher li dawn ir-rivelazzjonijiet ġodda jindikaw nuqqasijiet possibbli ***fil-liġijiet nazzjonali dwar it-taxxa u*** fis-sistemi kurrenti tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri; jitlob li l-Istati Membri jimplimentaw b'mod effikaċi l-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni; |

Or. en

**Emenda 74**
**Pervenche Berès, Peter Simon, Jeppe Kofod, Ana Gomes, Olle Ludvigsson, Evelyn Regner, Paul Tang**
f'isem il-Grupp S&D

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
L-iskandlu cum-ex: il-kriminalità finanzjarja u l-lakuni fil-qafas legali kurrenti

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4. Jitlob l-inklużjoni fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew ta' taqsima dwar l-isforzi leġiżlattivi tal-Istati Membri biex inaqqsu l-effetti negattivi ta' prattiki ta' arbitraġġ ta' dividendi u ta' lakuni fir-reġimi ta' tassazzjoni;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità